Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 2322/2004

**Kenneth Galea**

**vs**

**Arthur Mallia u d-digriet tat-18 ta' Mejju, 2005 giet ordnata l-korrezzjoni fis-sens illi isem il-konvenut minflok "Arthur Mallia" jinqara "Antoine Mallia"**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Dicembru, 2004 fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u tnejn u hamsin lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm852.42) rapprezentanti danni subiti mill-attur wara l-incident stradali fil-Marsa fid-19 ta' Lulju, 2004 meta l-konvenut kien qed isuq vettura ANT-281 u ikkawza kollizjoni mal-vettura LAZ-103 misjuqa mill-attur u proprjeta` tieghu, ghall-liema kollizjoni jahti unikament il-konvenut.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali tat-8 ta' Settembru, 2004 (Dok.A) u ta' l-ittra ufficjali (Dok.B) prezentata kontestwalment ghallfinijiet tal-Kap.104 u bl-imghax dekoribbli mill-prezentata ta' din it-talba sal-effettiv pagament.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-attur fis-7 ta' Marzu, 2005, ghas-subizzjoni tal-konvenut.**

**Ra li fis-seduta tal-15 ta' Marzu, 2005 deher id-difensur tal-konvenut li indika li isem il-konvenut kien zbaljat.**

**Ra d-digriet tat-18 ta' Mejju, 2005 li bih giet ordnata l-korrezzjoni fl-okkju fis-sens illi isem il-konvenut jitnizzel bhala Antoine Mallia minflok Arthur Mallia.**

**Ra r-risposta tal-14 ta' Gunju, 2005 fejn intqal:**
**Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez kontra ll-atturi, stante li l-incident stradali in kwistjoni ma sehhx b'tort tal-konvenut imam tas-sewwieq l-iehor, ossija l-attur Kenneth Galea, minhabba traskuragni, imperizja, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, u dana kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attur jrid jaghmel il-prova tad-danni rejalment subiti minnu.**
**Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi.**

**Semgha x-xhieda ta' W273 Eric Sciberras, Kenneth Galea u Antoine Mallia. Ha kojizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw.**

**Ikkunsidra:**
**1. d ail-kaz jirrigwarda kollizzjoni li sehhet il-marsa hekk kif titlaq ir-raoundabout li hemm hdejn il-fabbrika tas-sulfarini. Il-vetturi invoulti fil-kollizzjoni kienu il-vettura LAZ-103 misjuqa minn Kenneth Galea u l-vettura ANT-281 misjuqa minn Antoine Mallia.**
**2. Jirrizulta li z-zewg vetturi kienu mexjin fid-direzzjoni tal-Belt u kienu ghadhom kif hallew ir-**

**roundabout. Fin-noti tal-warden l-attur qal li ra lill-konvenut warajh jitlef il-kontroll, jaqbzu, u jigi quddiemu, u b'hekk sehhet il-kollizzjoni. Il-konvenut jghid li hass daqqa u b'hekk sehhet il-habta.**

**3. Jirrizulta li l-attur kien ghaddej fil-karreggajata vicin il-bus lane, filwaqt li l-konvenut kien ghaddej fil-karreggjata ta' mas-central strip. L-attur kien specisfiku meta qal li r ail-vettura tal-konvenut tisserpeggja, tant li l-istess attur naqqas fil-velocita` u ghafas ghall-gol bus lane, pero` wara li l-vettura tal-konvenut qabzitu xorta sehhet il-kollizzjoni.**

**4. Il-konvenut qed jghid li hass daqqa mal-genb tax-xellug, mal-mudguard u mal-bieba ta' quddiem, u kien ghalhekk li gibed lejn il-lemin.**

**5. Issa f'dan il-kuntest, mill-isketch definitivament ma jirrizultax li l-konvenut gibed lejn il-lemin kif qed jghid, anzi jirrizulta li mar lejn ix-xellug. Apparti minn dan, illi kieku kien tassew gie milqut mill-vettura tal-attur fuq quddiem fuq il-mudguard u l-bieba, cert lid an ma kienx jispicca kif fil-fatt spicca, ghax kien ikun hemm l-istess vettura tal-attur timblukkalu t-triq.**

**6. Tenut kont ta' dan hu aktar verosimili dak li qed jghid l-attur, fis-sens illi l-konvenut tilef il-kontroll tal-vettura u habit mal-attur.**

**7. Ghalhekk ghall-incident in kwistjoni ghandu jigi ritenut unikament responsabbli il-konvenut.**

**8. Id-danni jirrizultaw pruvati fl-ammont pretiz u dana skond id-Dok.C sa Dok.G esebiti.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident de quo u jikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' tmien mija u tnejn u hamsin lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm852.42), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mis-6 ta' Dicembru, 2004 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tat-8 ta' Settembru, 2004 u ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ghall finijiet tal-Kap.104, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------